# NISEL IL-KLIEM

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti" Għadd 185-187)*

*IMBATT*: Kif igħid Caruana fid-dizzjunarju tiegħu dan hu "żiffa ħafifa, li tiffriska l-arja fil-ġranet tas-sajf", u skond Falzon "baħar imqalleb miż-żiffa". Dessoulavy ma jagħtihiex dil-kelma. Barbera jġibha mill-Isqalli *mi batti*, "tolqotni, issawwatni", tifsira mġebbda. Għalkemm fil-Għarbi nsibu l-verb *batta* (*t* alveolari) li jfisser "frapper, battre" (Beaussier), għamla li kienet taqbel ma' *mqass* mill-verb *qass*, madankollu l-kelma Maltija. bħal kliem ieħor tal-baħħara. ġejja mill-Isqalli *imbatti* (Latin *imbattuere* "pro Tropaei, -orum"; jiġifieri "rjieħ tal-baħar li jonfħu fuq l-art", kelma mogħtija minn Scobar imsemmi minn Giacomo de Gregorio fi *Studii Glottologici Italiani* (Vol. 7). Qabbel ukoll *mbattiti* u *mmattiti* li skond Mortillaro "in marineria dicesi ad una sorta di vento periodico. in alcuni in tempo d'estate. Imbatto".

*LAJMA LAJMA*: Avverbju. "Bil-qajla l-qajla". Mill-użu tidher li daħlet fil-Malti mill-Isqalli *lieme lieme*, Falzon *lemme lemme*. Imma jista' jkun li għandha x'taqsam ukoll mal-Għarbi *lawma*, "dewmien". Qabbel l-Għarbi *talawwam* "to linger".

Ġ. Aquilina.